MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 285/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlos Cordina)**
**Vs**
**Julian Cesare**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Jannar, 2010 ghall-habta ta' 16.45 hrs gewwa l-appartamenti tal-Karwija Kirkop :

1. hedded jew insulenta bi kliem "mur hudu foxx kemm ghandek" lil Joseph Darmanin;
2. fl-istess data, lok u hin gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil Joseph Darmanin b'daqq ta' muzika b'volum gholi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 339(e) u 251 tal-Kap. 9 ma sabitx lill-

appellant hati tal-ewwel akkuza stante li ma gietx ippruvata izda sabitu hati tat-tieni akkuza stante li kif inghad giet ampjament ippruvata permezz tax-xhieda viva voce u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 ikkundannatu xahrejn prigunerija sospiza ghal sentejn. Inoltre u bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 imponiet “protection order” u dan skond digriet maghmul fl-istess data tas-sentenza u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fil-liberazzjoni ta’ l-ewwel akkuza u thassaraha fis-sejbien ta’ htija mit-tieni akkuza u konsegwentement jigi liberat ukoll minn din it-tieni akkuza, jew alternattivament tigi konfermata s-sentenza ghajr ghall-piena fil-konfront tat-tieni akkuza fejn tigi applikata piena aktar miti li tirrifletti c-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu li huwa gab ruhu tali mod li ta fastidju lil Joseph Darmanin li jghix fil-flat li jigi fuq il-flat ta’ l-appellant. Ma giex pruvat li l-appellant kien fil-fatt qieghed idoqq il-muzika.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ghall-grazzja ta’ l-argument kien l-appellant li kien qieghed idoqq il-muzika, d-daqq tal-muzika fil-hamsa neqsin kwart ta’ filghaxija, li huwa meqjus bhal hin normali tal-gurnata bl-ebda mod ma setghet titqies mill-Ewwel Qorti li kienet imgieba li permezz taghha kien qieghed jaghti fastidju lill-garr tieghu. Ghandu jitqies bhala normali fil-konvivenza socjali ta’ bejn il-girien b’mod specjali l-girien li jghixu f’appartamenti fl-istess blokk ta’ appartamenti li jkun hemm xi tip ta’ hsejjes u inkonvenjenti li mhumiex gravi u li l-gar li jdejquh xi tip ta’ hsejjes li huma normali u entro l-

limiti tat-tolleranza ghandu jissaporti. Hija haga normali fil-kuntest tal-konvivenza bejn il-condomini li jghixu fi blokk ta' appartamenti li jkun hemm xi tip ta' hsejjes jew inkonvenjenti li huma meqjusa bhala ragjonevoli u li f'xi hinijiet ragjonevoli tal-gurnata u mhux f'hinijiet ta' tard bil-lejl, ikunu qeghdin jintuzaw ghall-iskop li ghalihom gew manifatturati. Illi fil-kuntest ta' dawn il-fatti fejn jidher bl-aktar mod car li l-appellant kien qieghed jagixxi b'mod ragjonevoli meta huwa kien qieghed jisma l-muzika ta' l-istereo jidher car li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha rigward l-imgiba u l-agir ta' l-appellant.

3. Illi l-imgieba ta' l-appellant li kien qieghed idoqq il-muzika ghall-habta ta' 16.45 fl-appartament tieghu bl-ebda mod ma tikkostitwixxi r-reat raffigurat fl-artikolu 251A tal-Kap. 9 liema reat sar parti mill-ligi penali ta' pajjizna fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att XX tas-sena 2005 li introduca l-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D fil-Kodici Kriminali ta' pajjizna. Illi sabiex jiffigura r-reat taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, jrid ikun hemm imgieba b'tali mod li permezz taghha l-agent tar-reat jaghti fastidju lil persuna ohra, u li jaf jew mess kien jaf li b'dik l-imgieba qieghed jaghti fastidju lil persuna ohra (Art 251A(1). Dan l-artikolu fit-tieni subinciz tieghu jkompli jghid li "..... persuna li tkun qeghda ggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli jkollha l-istess informazzjoni dik kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghall-fastidju tal-persuna l-ohra". Fi ftit kliem skond dik id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fit-tieni sub-inciz ta' l-artikolu li ntroduca r-reat ta' fastidju, l-legislatur Malti applika t-test oggettiv ta' persuna ragjonevoli jew "the resonable man" fejn persuna li qeghda tagixxi b'mod dubbjuz ghandha tkun taf jekk l-agir taghha jammontax ghal fastidju jew le. Jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din il-persuna kienet tqis bhala fastidju dak l-agir. L-argument li l-legislatur Malti pogga t-test oggettiv tar"reasonable man" gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Massimo Tivisini" (Qorti ta' l-Appell Kriminali 27 ta' Frar, 2009) li kkunsidrat x'jikkostitwixxi imgieba jew agir

li jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti fl-interpretazzjoni taghha li tat ta' dan l-artikolu tat definizzjoni ta' jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' dan l-artikolu u kkwotat minn Black's Law Dictionary (7th edition) fejn jinghad dan li gej dwar fastidju jew harassment :-

*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.*

Skond din il-kwotazzjoni l-fastidju jikkostitwixxi xi kliem, imgieba jew azzjoni li ghandhom ikunu ripetuti jew persistenti li huma diretti lejn persuna specifika, b'tali mod li jdejqu, jallarmaw, jew jikkawzaw dwejjaq emozzjali fil-persuna koncernata u li ma ghandhom l-ebda skop legittimu. Il-Qorti ta' l-Appell qalet ukoll illi l-agir li ghandu jkun ripetut jew persistenti ma ghandux jittiehed in izolament izda fir-retroxxena ta' l-incidenti kollha li jkunu sehhew b'tali mod li jkunu kkawzaw dwejjaq fil-persuna fastidjata (Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez, Qorti ta' l-Appell Kriminali 21 ta' Gunju, 2007).

4. Illi fir-raba` lok u bla pregudizzju ghas-suespost, il-piena nflitta kienet wahda esagerata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-ordni tal-protezzjoni, u dan peress illi l-appellant mhux ta' theddida ghal Joseph Darmanin *multo magis* meta gie liberat mill-ewwel akkuza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament, semghet it-trattazzjoni ta' l-avukat difensur u ta' l-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-10 ta' Jannar ta' l-2010 ghal habta ta' 16.45 hrs, Joseph Darmanin ghamel rapport lil Pulizija illi l-appellant kien qed ikun ta' fastidju b'daqq ta' muzika b'volum gholi u li nsolentah bi kliem hazin. L-ewwel Qorti ma sabitx lil l-appellant hati ta' din l-ahhar akkuza izda sabitu hati illi ta fastidju lil Joseph Darmanin bid-daqq ta' muzika b'volum gholi. L-appellant jghid illi ghandu jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni peress li la xhedt l-imputat u lanqas il-Parte Civili, ghalhekk m'hemmx prova

illi mill-fond kienet hierga muzika gholja. Di piu kif xhed PC 1149 Aaron Debono, fil-fond kien hemm il-mara ta’ l-appellant, illi setghet kienet hi li zammiet il-volum gholi. Fi kwalunkwe kaz, ghal dak li jirrigwarda l-fastidju ma hemmx prova illi sar “substantial distress” fil-kontront tal-Parte Civili Darmanin.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Jibda biex jinghad illi meta l-Pulizija marru fuq il-post, setghu jisimghu il-volum gholi tal-muzika gej mill-fond ta’ l-appellant. Fi kwalunkwe kaz, l-appellant ma jistax jistrieh fuq il-fatt illi l-muzika kienet qed tindaqq wara nofs in-nhar peress li l-fastidju m’huwiex marbut ma’ xi hin partikolari. Fis-sottomessjoni taghha, id-difza argumentat illi ma kienx hemm provi illi Darmanin gie fastidjat. Verament l-ahjar prova ta’ dan, huwa r-rapport illi Darmanin ghamel. Tant kien fastidjat illi ma felahx iktar u kellu jirrikorri ghal ghajnuna tal-Pulizija biex dan il-fastidju jieqaf. Il-Qorti tqis ukoll illi l-appellant instab diversi drabi hati ta’ dan l-istess reat. Issa hu principju stabbilit fil-Gurisprudenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament fuq il-provi, maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tas-sentenza u waslet ghal konkluzzjoni li l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha. Ghalhekk m’hux il-kaz li s-sentenza tigi ddisturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------